MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 29/2009

Anthony Saliba

vs

Francois Saliba

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-11 ta’ Settembru 2009, li jghid hekk :-

‘Illi l-attur silef somma flus lill-konvenut u mill-liema somma l-konvenut fadallu jhallas elf Ewro (€1,000) ;

Ghaldaqstant l-attur qed jitlob sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ elf Ewro (€1,000) bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid numru 167/08 u ta’ l-ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap.16 (Ittra numru 392/09) ;

Il-konvenut ingunt in subizzjoni.' ;

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fis-16 ta' Ottubru 2009, eccepixxa :-

'Illi l-konvenut qatt ma ssellef flus minghand l-attur u dan kif gia' gie ndikat fir-risposta tieghu ghall-ittra ufficjali ta' l-attur numru 392/09 a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta, u certament ghalhekk is-somma ta' €1,000 indikata fl-avviz ma hix dovuta lill-attur.

Bl-ispejjez inkluz dik tan-nota fil-procedura tal-ittra ufficjali 392/09.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Din hi kawza ta' reklam semplici ta' flus li kienu gew mislufa mill-attur lill-konvenut. L-attur jigi z-ziju tal-konvenut, u spjega li meta l-konvenut kien gie biex jarma bin-negozju tax-xiri u bejgh tat-tigieg, il-konvenut kien avvicinah u kien talbu jghinu billi jisilfu xi flus biex ikun jista' jarma b'dan in-negozju. L-attur jghid li kien silfu s-somma ta' elf u hames mitt lira maltin (Lm1,500), illum ekwivalenti ghal tliet elef erba' mija u erbgha u disghin Euro (€3,494), u dan kien ghal habta ta' Novembru jew Dicembru 2007. Billi dan is-self kien sar *brevi manu* u fi flus kontanti bla ma saret ebda skrittura jew ricevuta minhabba li skond l-attur, hu kien fdah lill-konvenut peress li jigi t-tifel t'ohtu u dak iz-zmien kien hemm hbiberija bejniethom, l-attur ipproduca bhala prova cirkostanzjali statement tal-kont bankarju tieghu biex juri lil dan it-Tribunal li fix-xahar ta' Novembru 2007 u Dicembru 2007, huwa kien inkassa flus mill-Kont numru 071-066153-050 f'hames okkazjonijiet liema flus kien imbaghad ghaddihom lill-konvenut ;

Minn ezami tad-deposizzjonijiet moghtija mill-partijiet jirrizultaw divergenzi notevoli bejn il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attur u dik moghtija mill-konvenut. Inghad pero' li 'mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant .... .... . Anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti .' [Prim'Awla, **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, 24 ta' Novembru 1966, per Imhallef Maurice Caruana Curran] ;

Qabel kull riflessjoni li jehtigilha ssir fuq il-provi jkun opportun li jigu ribaditi dawn il-principji :-

- L-attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella, fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju *actor non probante, reus absolvitu*r [Prim'Awla, **Andrew Dalli vs Michael Balzan noe**, 31/01/2003] ;

- Minn naha l-ohra l-prova tal-pagament tal-kreditu reklamat tinkombi fuq il-konvenut li jallegaha. Jigi ri-affermat il-principju illi fejn konvenut jikkontraponga difiza bazata fuq hlas l-oneru tal-prova tal-pagament jew kompensazzjoni hu fuq id-debitur konvenut li jallegah [Kollez. **Vol.XLIX.ii.776**] ;

- Gie ritenut ukoll li ghall-prova tal-pagament, kemm jekk hux ghas-saldu jew le, ma hijiex indispensabbli

l-prova skritta jew il-produzzjoni ta’ ricevuta. Huwa bizzejjed li l-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mill-provi processwali. Ara Kollez. **Vol XXXII.i.525**; **Av. Dr. John Buttigieg noe vs Joseph Portelli pro et noe**, App. Kummercjali, 26 ta’ Jannar 1976; **John Cini vs Rita Camilleri**, App. Kumm, 28 ta’ Lulju 1982, **Joe Chetcuti noe vs Joseph Pearson et noe**, Qorti tal-Appell, 5 ta’ Ottubru 1998, **Ian Abela Fitzpatrick vs Web Trading Limited**, Appell Inferjuri, 24 ta’ Novembru 2003 ;

- Intqal ukoll fis-sentenza fl-ismijiet : **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri**, Prim’Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 27 ta’ Mejju 1970 illi ‘bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta’ pagamenti ta’ debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f’kaz ta’ dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa’ fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta’ konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe’ l-attur l-esigibilita’ u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju *actore non probante reus absolvitur*. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor “reus in excipiendo fit actor”, ghax, jerga’ jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa’ fuqu. Altrimenti f’kull kaz ta’ konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa’ sospiza fi stat ta’ dubju jekk hemmx debitu’. It-taghlim f’din is-sentenza juri li l-oneru tal-prova hu mixhut fuq il-kreditur f’dawk il-kazijiet biss fejn jigi muri li l-prova tal-pagament tkun sodisfatta lil hinn mid-dubju ragjonevoli [Qorti tal-Appell, **Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe**, 28/01/2000 ; Appell Inferjuri, **Miller Distributors Limited vs Multi Toys Limited**, 16/12/2002] ;

Fil-kaz in ezami t-Tribunal jibda biex josserva kuntrast qawwi bejn dak li eccepixxa l-konvenut fir-risposta tieghu, li huwa '**qatt** ma ssellef flus minghand l-attur …….. u ghalhekk is-somma ta' €1,000 indikata fl-avviz tat-talba m'hix dovuta lill-attur' (sottolinear tat-Tribunal), u mbaghad fix-xhieda tieghu biddel il-bazi tad-difiza tieghu u ddikjara *ex admissis* li l-attur kien silfu xi flus, is-somma ta' elf Euro (€1,000), izda li pero' huwa kien hallashom lura lill-attur. M'hemmx qbil bejn il-partijiet dwar x'kienet proprjament ir-raguni li kien sar is-self tal-flus u kemm kien l-ammont tas-self. L-attur jispjega li s-somma flus ta' €3494, huwa kien silifhom lill-konvenut biex ghenu jarma bin-negozju ta' *hawker* bil-bejgh tat-tigieg. Dan il-konvenut jinnegah u spjega li l-attur kien silfu s-somma ta' elf Euro (€1,000) biex biha kien hallas xi provvisti tat-tigieg li kien xtara minghand il-kumpannija 'Ta' Gauci Poultry Ltd' ta' Burmarrad, Malta. Bhala prova li l-konvenut kien ghamel pagament lil 'Ta' Gauci Poultry Ltd', huwa esibixxa *invoice* ta' €966.06, li fuqha hemm miktub il-kelma 'Paid'. Din l-*invoice* ggib id-data tas-7 ta' April 2008, u m'hemm ebda ndikazzjoni fuq din l-*invoice* meta kienet giet saldata mill-konvenut. Din m'hix pero' l-unika *invoice* li giet esibita mill-konvenut li turi li kienu saru diversi ordnijiet ohra ghal xiri u konsenji tat-tigieg. Il-konvenut pero' jichad li l-attur kien ghaddhielu aktar flus b'self. Minkejja li pero' l-konvenut kien ipprometta fix-xhieda tieghu li kien ser igib rendikont tal-ispejjez li nkorra ruhhu fihom biex kien rama' bin-negozju ta' *hawker*, dan baqa' m'ghamlux, u lanqas baqa' ma gab il-prova in sostenn tal-allegazzjoni tieghu li biex kien rama' b'dan in-negozju kien silfu l-flus missier is-siehba tieghu, haga li sata' facilment jaghmilha billi jharrek bhala xhud lil din il-persuna biex jikkorrobora din il-verzjoni tieghu tal-fatti ;

Dan it-Tribunal huwa moralment konvint wara li qies u wiezen x-xhieda li gew prodotti mill-partijiet u wara li fela w ezamina d-dokumenti kollha tal-kawza, u kellu opportunita' li jezamina lix-xhieda kollha *viva voce* u sata' jinnota l-komportament ta' kull xhud waqt ix-xhieda taghhom, iqis li l-verzjoni tal-attur li li huwa kien silef lill-konvenut il-flus minnu msemmija biex ghenu jarma bin-negozju ta' *hawker* ghall-bejgh tat-tigieg bhala wahda

aktar attendibbli minn dik tal-konvenut, li ghall-ewwel il-konvenut cahad li qatt kien ssellef flus minghand zijuh u mbaghad ipprova jbengilha li l-attur kien silfu xi flus. L-*invoice* 011502 minnu esibita ta’ €996.06 ma tikkostitwixxi ebda prova li bil-flus li l-konvenut kien issellef minghand l-attur, huwa kien effettivament issalda bihom din l-*invoice*. Il-konvenut baqa’ ma gab ebda prova biex verament juri a soddisfazzjon ta’ dan it-Tribunal li meta skond hu, kien issellef il-flus minghand l-attur biex bihom issalda l-*invoice* 011502, huwa kien nieqes mill-flus, u mbaghad biex issalda l-*invoices* l-ohra li gew ukoll minnu esibiti huwa ma kellux din id-diffikulta’ meta jirrizulta li erbat ijiem wara kien ghamel ordni ohra minghand ‘Ta’ Gauci Poultry Ltd.’ ta’ valur ta’ €1264.73, u hallasha (ara invoice 011503) minghajr ma baqa’ ta ebda spjegazzjoni jew wera ebda prova a soddisfazzjon u konvinciment morali ta’ dan it-Tribunal minn fejn kien gab il-flus biex issalda din l-*invoice* ukoll. Fi kliem il-konvenut stess, il-flus l-attur kien tahomlu f’April 2008, u jirrizulta li f’dak ix-xahar l-attur kien ghamel ordnijiet ta’ tigieg b’kemm jiswew elfejn disa’ mija u sittin Euro u disgha u hamsin centezmi (€2,960.59), li baqa’ ma ta ebda spjegazzjoni kif dawn l-*invoices* l-ohra (li fuqhom tidher ukoll il-kelma ‘Paid’) kien hallashom. Il-verzjoni tal-konvenut li huwa kien nieqes mill-flus billi kien qed idum ma jithallas minghand il-Gvern tal-konsenji li kien qed jaghmel tat-tigeg ghall-Isptar Generali t’Ghawdex mhija xejn kredibbli meta jirrizulta mill-ittra ta’ accettazzjoni tal-offerta ghall-provvista u konsenji tat-tigieg ghall-Isptar Generali ta’ Ghawdex, esibita mill-konvenut stess a fol.21, li din harget ghall-ewwel darba fis-7 ta’ April 2008 (ara dokument SF1), u ghalhekk sa dak in-nhar zgur li l-attur ma kien ghadu ghamel ebda provvista ta’ tigieg ghall-isptar li taghha kien qed jistenna l-hlas, u m’hija ghalhekk xejn verosimili r-raguni li gab l-istess konvenut li huwa kien nieqes mill-flus minhabba li kellu pagamenti b’lura minghand il-Gvern il-ghaliex sa dak iz-zmien ma kien ghadu beda jaghmel ebda provvisti tat-tigieg ghall-isptar ;

Kif tajjeb gie ritenut mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet : **Enrico Camilleri vs Martin Borg**, deciza fis-17 ta’ Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b’decizjonijiet simili in re : **Zammit vs**

**Petrococchino**, Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Vassallo vs Pace**, Appell Civili, 5 ta' Marzu, 1986), "Il-gudikant fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet, imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet. Jghid a propositu l-**Mattirolo** ("**Diritto Giudiziario**", Vol.III para 306) : *"Il legislatore non ha voluto attribuire un valore diverso all'una e all'altra prova … … vuolsi, sempre quando il legislatore non abbia espressamente stabilito il contrario applicare il principio di diritto comune in materia probatoria, secondo cui dipende dal libero apprezzamento del giudice l'estimazione delle singole prove ed il giudice deve pronunziare in conformita` alla sua convinzione, ossia della morale certezz*a." ;

Mill-provi in atti hemm inkonsistenza fil-provi stess tal-konvenut u hemm nuqqas ta' provi oggettivi li jikkorroboraw ix-xhieda u t-tezi tieghu. Il-konvenut kien neboluz, superficjali, u pjuttost xott u evaziv fix-xhieda tieghu dwar is-self li sar u l-hlas lura ta' dan is-self. Inghad li : 'Fil-kamp civili, il-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. (**Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchin**o, Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; **Paul Vassallo vs Carmelo Pace**, Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986). Meta l-verzjonijiet taz-zewg partijiet fil-kawza t-tnejn huma kredibbili u verosimili, l-Qorti ma tistax tiddecidi favur l-attur, jekk ma jkunx hemm prova sufficjenti fuq bilanc tal-probabilitajiet favur l-istess attur. Fi kwistjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi, il-kriterju mhux jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni, imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex probabbli u minn ewl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja. Hafna drabi, bhala provi spiss jassumu rilevanza determinanti certu provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lil verzjoni u mhux lil ohra, u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta' prova dawn, li proprju

ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-gudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet f'kazijiet fejn dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta' kif ikunu sehhu l-affarijiet.' [Qorti tal-Appell, **Saviour Cremona et vs Anthony Cassar et**, deiza fit-23 ta' Settembru 2009] ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attur is-somma ta' elf Euro (€1,000) bilanc minn somma akbar li kienet giet lilu mislufa, bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali numru 329/09 sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, inkluzi wkoll dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 167/08 u tal-imsemmija ittra ufficjali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------